# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru, 2015

**Talba Nru: 487/2015 DMA**

**Carmen Lia ID. 313360M f'isem**
**Graces Company Limited**

**Vs**

**David Bartolo u Rose Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2015 fejn l-attrici talbet illi bi skrittura private tal-24 ta' Lulju, 2014, Carmen Lia ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Kummercjali Graces Company Limited, fil-kwalita taghha ta' propjetarja ta' Villa Overhills, Reception Venue, Triq Ghar Dalam, Birzebbuga, obbligat ruhha li thalli lill-konvenuti Mrs Rose Baldacchino u lil Mario Bartolo li juzaw Villa Overhills, Triq Ghar Dalam, Birzebbuga, ghall-funzjoni ta' tieg li kellu jsir fis-16 ta' Mejju, 2015 versu l-prezz a' elf u disa' mitt ewro (€1,900), li minnhom il-konvenuti hallsu mitt ewro (€100) depozitu akkont tal-prezz, bil-kondizzjoni illi jekk ghal xi raguni l-konvenuti jiddecidu li

jikkancellaw il-funzjoni, id-depozitu jintilef u l-konvenuti kellhom ukoll javzw bil-miktub lil Carmen Lia nomine dwar dan sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni.

Jekk il-konvenuti javzaw lis-socjeta' attrici f'perjodu ta' anqas minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni, il-konvenuti kellhom jitilfu d-depozitu u jkunu wkoll obbligati jhallsu l-bilanc tal-prezz, u dan skont paragrafu tlieta (3) tal-precitata skrittura private tal-24 ta' Lulju, 2014.

Kopja ta' din l-iskrittura private qieghda tigi hawn annessa u markata 'Dokument B';

Il-konvenuti qatt ma avzaw bil-miktub lil Carmen Lia nomine li d-data tal-funzjoni giet kancellata u fil-fatt it-tieg ma sarx.

Ghaldaqstant l-atturi f'isem Graces Company Limited qed jitolbu l-bilanc ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), kif intqal hawn fuq.

Il-konevnuti pprezentaw risposta taghhom fl-20 ta' Novembru, 2015 fejn eccepew illi t-talba tal-attrici noe hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michudha bl-ispejjez kontra l-istess attrici noe u dan ghal ragunijiet li isegwu:-

1. Illi l-esponenti infurmaw lill-attrici noe u/jew dirigenti u/jew haddiema ohra ta' Graces Company Limited bil-kancellament tat-tieg taghhom f'Awissu elfejn u erbatax (2014) u cioe xhar biss wara li gie ffirmat l-iskrittura bejnithom;
2. Illi r-raguni tal-kancellament, liema giet komunikata lill-attrici noe u/jew dirigenti ohra tal-kumpanija fuq imsemmija, kienet ghaliex l-esponenti Rose Mary Baldacchino saret taf li kienet tqila bit-tifla taghha (u ta' David Bartolo) Zaylee Bartolo.
3. Illi fil-fatt il-minuri Zaylee Bartolo twieldet fis-27 ta' April, 2015 u cioe' ftit gimghat biss qabel id-data mifthema ghall-funzjoni tat-tieg tal-initmati.

4. Illi sahansitra Carmen Lia stess kienet cemplet lill-esponenti Rose Mary Baldacchino biex tikkonferma maghha l-kancellament tat-tieg u dan rega gie konfermat lilha.
5. Illi f'kull kaz, izda assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv u l-attrici noe qatt ma bghatet tinforma lill-esponenti bil-hlas pretiz minnha qabel ma fethet din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal wara li semgha z-zewg partijiet huwa tal-fehma illi l-kuntratt li ffirmaw iz-zewg partijiet jisjega lilu nnifsu bizzejjed illi l-konvenuti kellhom jinfurmaw lis-socjeta' attrici bil-miktub. Min-naha tal-konvenuti dan ma sarx u fuq mistoqsija specifika tat-Tribunal ghaliex dan ma sarx ir-risposta kienet illi kienu xoghol u ghandhom tlett itfal.

Kancellament permezz ta' telefonata ma tistax tigi accettata peress illi ma hemmx il-prova li saret mill-persuna li tkun ghamlet il-booking.

Dan in-nuqqas ta' parti tal-konvenuti li ma ghamlux il-kancellament bil-miktub sewa biex l-attrici ma setghax jaghmlu booking ohra f'dik id-data peress illi d-data baqghet merfugha ghall-konvenuti. Lanqas ta` lanqas marru fuq il-post  biex is-socjeta' attrici jkollha prova illi l-kancellament sar di persona mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom jhallsu l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**